MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 30/2013/1

**Iris Cassar u Michael Cassar**

***v.***

**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa (i) appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fid-9 ta’ April 2014 mill-Prim’Awla tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li, għalkemm laqgħet talba tagħhom għal dikjarazzjoni li kien hemm ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġon-evoli meta kawża ċivili li huma fetħu kontra terzi ħadet aktar minn għoxrin sena biex inqatgħet, tathom rimedju li fil-fehma tagħhom ma kienx xieraq u biżżejjed; huwa wkoll (ii) appell tal-Avukat Ġenerali mill-istess sentenza kontra s-sejbien ta’ ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u kontra r-rimedju li, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, huwa f’kull każ eċċessiv.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: fl-24 ta’ Settembru 1992 l-atturi fetħu kawża kontra terzi[1] dwar inċident li seħħ fil-21 ta’ Lulju 1990 u li fih korriet l-attriċi u tilfet ħajjitha t-tifla tal-atturi. Il-kawża nqatgħet mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta’ Marzu 2011 u mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Novembru 2012. Dan id-dewmien kien trawmatiku għall-atturi u, billi dehrilhom illi b’hekk inkiser il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli mħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenz-joni”], fetħu l-kawża tallum biex jitolbu “kumpens xieraq ... konsistenti kemm fid-dannu pekunjarju effettiv u kemm fid-danni morali sofferti”.

[1] Iris Cassar *et v.* Francis Gauci, ċitaz. n. 1249/1992.

3. L-ewwel qorti laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni u ikkundannat lill-konvenut iħallas "kumpens morali" ta' ħamest elef euro (€5,000) u jħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża Iris u Michael Cassar qed jilmentaw illi kawża li huma intavolaw fl-1992 damet sal-2012 biex tinqata' definittivament. Isostnu li dan jimporta leżjoni tal-jedd fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit bl-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Konsegwentement qed jitolbu wkoll kumpens kemm għal dannu pekunarju kif ukoll dannu morali. L-intimat jiċħad li, fiċ-ċirkostanzi, id-dewmien kien irraġonevoli.
>
> "… … …
>
> "Fil-każ in eżami jirriżulta illi l-kawża li dwarha qed jiġi lmentat id-dewmien inbdiet fl-1992. It-talbiet fiha kienu għal kundanna ta' responsabbiltà u ħlas ta' danni konsegwenzjali għal kroll ta' saqaf f'*supermarket*. Sakemm spiċċat biex ingħatat is-sentenza fl-ewwel istanza għaddew ċirka għoxrin sena. Tul dan il-perkors il-kawża ġiet assenjata il xejn anqas minn seba' mħallfin wara xulxin. Ġiet deċiża definittivament mill-Qorti tal-Appell xi sena u nofs wara s-sentenza tal-Prim Awla. Tul il-perkors ġew nominati ħames periti legali, perit arkitett u tliet periti mediċi. Jirriżulta wkoll illi mill-bidu nett ġiet konnessa ma' żewġ kawżi oħra bid-diffikultajiet kollha li tali konnessjoni ġġib magħha. Għalkemm l-atturi dejjem żammew l-istess żewġ difensuri, jidher illi għall-konvenut dehru xejn anqas minn erba' difensuri. Wieħed jinnota illi f'ebda verbal ma ġiet reġistrata rinunzja ta' patroċinju, assunzjoni ta' patroċinju jew assoċjazzjoni skond il-prassi aċċettata. Għalkemm serja fin-natura tagħha, il-kawża ma kinitx tippreżenta komplessità partikolari, la fattwali u lanqas ġuridika. Fiċ-ċirkostanzi, wara li ġie mifli akkuratament il-proċess kollu tagħha, din il-qorti hi tal-fehma li l-kawża sfat vittma ta' sistema kkumplikata u mankanti f'dak li għandu x'jaqsam ma' amministrazzjoni ta' kawżi. Biżżejjed wieħed japprezza illi, kif ben not f'dawn il-qrati, meta ssir ri-assenzjoni ta' kawżi minn imħallef għal ieħor, din tkun saret flimkien ma' ħafna kawżi oħra li l-imħallef ġdid perforza jrid jieħu ż-żmien tiegħu biex jieħu konjizzjoni tagħhom u jistudjahom kif xieraq. Meta tqis li dan sar għal xejn anqas minn seba' darbiet in fila din il-qorti tqis li l-lanjanza ta' dewmien hija altru milli ġustifikata. Għalhekk il-qorti issa qed tagħti raġun lir-rikorrenti.
>
> "Għal dak li jirrigwarda kumpens il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawża <u>Said *v.* Avukat Ġenerali</u>, 11 ta' Novembru 2011, irriteniet illi:
>
> > ""Madankollu din il-qorti hi tal-fehma li f'każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma tagħti

> kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal leżjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili".

> "Fid-dawl ta' dan l-insenjament u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in eżami, il-qorti qed tillikwida kumpens morali fl-ammont ta' ħamest elef euro (€5000).
>
> "Għaldaqstant il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li Iris Cassar u Michael Cassar sofrew leżjoni tad-dritt fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif tutelat bl-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem; tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-kumpens mistħoqq fl-ammont ta' (€5,000) ħamest elef euro; tik-kundanna lill-intimat iħallas lil Iris Cassar u Michael Cassar is-somma ta' ħamest elef euro.
>
> "L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-intimat."

4. Minn din is-sentenza appellaw l-atturi, b'rikors tat-23 ta' April 2014, u appella wkoll l-Avukat Ġenerali b'rikors tat-28 ta' April 2014. L-Avukat Ġenerali wieġeb ukoll għar-rikors tal-atturi fil-5 ta' Mejju 2014. Billi r-rikors tal-Avukat Ġenerali jolqot is-sejbien ta' ksur tal-art. 6, li fuqu naturalment jiddependi jekk għandux jitħallas kumpens u kemm għandu jitħallas, il-qorti sejra tqis l-ewwel l-appell tal-Avukat Ġenerali dwar is-sejbien ta' ksur minħabba dewmien.

5. Dwar id-dewmien l-Avukat Ġenerali jgħid illi l-ewwel qorti issottovalutat il-"komplessità tal-kawża" u ma qisitx biżżejjed l-"imġieba tal-partijiet" u l-"aġir tal-awtorità ġudizzjarja". Kompla fisser l-aggravju hekk:

> "... ... ... dwar ... dak li jirrigwarda n-natura u l-kumplessità tal-kawża l-qorti qalet biss li, għalkemm serja fin-natura tagħha, il-kawża ma kinitx tippreżenta komplessità partikolari, la fattwali u lanqas ġuridika. Motiv-azzjoni jew ġustifikażżjoni għal din il-konklużjoni ma ngħatatx.
>
> "Illi l-esponent però jirribatti li bir-rispett kollu l-ewwel onorabbli qorti naqset milli tapprezza u tagħti l-piż mistħoqq lil diversi fatturi oħra taħt dan il-kriterju li kienu pertinenti għall-każ odjern fosthom li sabiex tiġi stabbilita mhux biss ir-responsabbiltà tal-inċident mertu tal-proċeduri ċivili in kwistjoni imma wkoll id-danni fiżiċi u kif ukoll psikoloġiċi tal-atturi (illum rikorrenti appellati) kien hemm il-ħtieġa li jinħatru diversi periti tal-qorti senjatament perit legali, perit mediku u ieħor psikjatriku. Il-ħatra ta'

dawn l-esperti ma kinitx kapriċċuża imma meħtieġa sabiex il-qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni aħħarija tagħha. Ma kienx hemm oppożizzjoni mill-partijiet u addirittura l-atturi wara diversi snin fil-kors tal-kawża għamlu talba sabiex jiġi appuntat espert psikjatriku.

"Illi dawn l-elementi kollha partikolarment il-fatt li diversi esperti kellhom jeżaminaw il-każ fi stadji differenti minn ottika differenti skont il-linja professjonali tagħhom ma jistgħux fil-fehma tal-esponent iwasslu għall-konvinċiment fuq bażi raġonevoli li l-każ kien wieħed *di facile spedizione* kif tat l-impressjoni l-ewwel qorti. Dan apparti l-fatt li fil-kors tal-proċeduri tressqu numru konsiderevoli ta' xhieda – fattur ieħor li jidher li tħalla barra mill-evalwazzjoni tal-qorti.

"Illi *inoltre* dwar ... ... ... l-imġieba proċesswali tal-partijiet fll-kawża u l-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess, ukoll fil-fehma tal-esponent ma ġewx applikati korrettement għall-*fattispecie* tal-każ odjern.

"Illi għal dak li jirrigwarda l-imġieba tal-partijiet fil-kawża, l-ewwel onorabbli qorti ftit li xejn ikkummentat. L-esponent huwa aggravat bil-fatt li l-ewwel qorti ma tat ebda piż għall-komportament tar-rikorrenti li fil-fehma tiegħu komplessivament kellu impatt ukoll fuq it-tul tal-kawża. Fil-fatt filwaqt li l-qorti rrimarkat li mill-bidunett il-kawża in deżamina ġiet konnessa ma' żewġ kawżi oħra, "bid-diffikultajiet kollha li tali konnessjoni ġġib magħha", skartat kompletament il-fatt li kienu l-atturi stess għalhekk li konxjament u volontarjament issottomettew l-aspettativi tagħhom għal proċeduri oħra kontenzjużi li wkoll kellhom il-kumplessità tagħhom.

"Illi l-ewwel onorabbli qorti skartat ukoll il-fatt li kienu l-atturi li, wara numru ta' snin (ħames snin) minn kemm kienet ilha li bdiet il-kawża, iddeċidew li jitolbu n-nomina ta' espert psikjatriku sabiex jeżamina lill-attriċi. Ma jirriżultax mill-atti li kien hemm xi ġustifikazzjoni valida li wasslet lill-atturi sabiex jieħdu tant żmien biex jagħmlu tali talba. Dan id-dewmien da parti tal-atturi huwa sinifikanti partikolarment fid-dawl tal-pretensjoni tar-rikorrenti fil-proċeduri odjerni li l-kawża ċivili kellha fil-fehma tagħhom tinqata' f'ħames snin. Żgur li l-ewwel qorti kellha almenu tirrikonoxxi l-kontribut li kellhom ir-rikorrenti għal ċertu dilungar li kkawżaw fil-proċeduri li kienu fetħu huma stess. Kellhom iħallu jgħaddu tant snin biex jiddeċiedu li jitolbu biex l-attriċi tiġi eżaminata anke mill-aspett psikjatriku?

"Illi l-ewwel onorabbli qorti skartat ukoll il-fatt li ma jirriżultawx ilmenti mill-partijiet inkluż ir-rikorrenti dwar dewmien fil-kawża ċivili. Ir-rikorrenti appellati kienu jsegwu l-kawża ċivili b'mod attiv u wieħed għalhekk kien jistenna li jekk ma kinux kuntenti bir-ritmu li bih kienu mexjin il-proċeduri kellhom il-possibilità kollha li javvanzaw il-lamentela tagħhom fiż-żmien propizju quddiem il-qorti ordinarja. Mhux talli ma sarx hekk talli ġie verbabzzat diversi drabi mir-rikorrenti li s-seduti bil-provi kienu mexjin regolarment. Huwa inawdit li wieħed ikun parti f'kawża, anzi jkun intavola kawża hu (u allura suppost ikollu l-akbar interess li l-kawża titmexxa b'ħeffa), ma jressaq ebda lment quddiem il-qorti fil-kors tal-kawża, imbagħad ħames xhur wara li tinqata' l-kawża ċivili mill-Qorti

tal-Appell (forsi anke għax il-kumpens mogħti ma kienx a sodisfazzjon tal-parti leża) jiddeċiedi li jagħmel xi ħaġa quddiem qorti oħra, din id-darba fil-vesti straordinarja tagħha. L-esponent isostni li l-ewwel qort ma kellhiex tinjora dan il-komportament tal-atturi fl-evalwazzjonijiet tagħha.

"Illi *inoltre* dwar il-kumment tal-qorti li l-kawża għaddiet minn taħt idejn seba' ġudikanti fil-kors tal-proċeduri fil-prim'istanza kellha tinnota wkoll li fl-ewwel seduta tal-kawża (25 ta' Jannar 1993) kienu l-atturi Cassar li talbu lill-qorti sabiex il-kawża tagħhom tintbagħat quddiem imħallef ieħor sabiex tinstema' kontestwalment ma' żewġ proċeduri oħra ċivili.

"Illi *inoltre* wkoll kienu l-atturi Cassar stess għal xi żmien kienu talbu lill-istess Qorti Ċivili sabiex tissospendi l-prosegwiment tal-kawża *stante* trattativi ta' transazzjoni mal-konvenut Gauci.

"... ... ...

"Illi l-ewwel onorabbli qorti injorat ukoll il-fatt li fil-kors tal-proċeduri ċivili in deżamina nqalgħu ukoll ċirkostanzi li kienu indipendenti mill-volontà tal-partijiet involuti u anke tal-istat fosthom mewt ta' perit tal-qorti li ma laħaqx espleta l-inkarigu tiegħu bil-konsegwenza li kellu jerġa' jibda l-proċess minnu mibdi mill-bidunett."

6. Dwar l-ewwel argument tal-Avukat Ġenerali – il-"komplessità tal-kawża" – din il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-ewwel qorti illi l-kawża ċivili ma kinitx partikolarment komplessa: l-atturi kienu fetħu l-kawża biex jitolbu r-risarċiment tad-danni li ġarrbu meta l-attriċi korriet fi stabbiliment kummerċjali tal-konvenut. L-inċident kien seħħ għax xi xkaffar li fuqu kienet esposta merkanzija għall-bejgħ ċeda taħt il-piż tal-merkanzija. Irriżulta li dan l-ixkaffar kien iddisinjah il-konvenut stess għalkemm ma kellux taħriġ f'din il-materja. Fil-fatt l-ixkaffar ċeda appuntu għax ma kienx disinjat sew u ma kienx jiflaħ għal piż li tgħabba fuqu. Dwar responsabilità, għalhekk, ma jidhirx li kien hemm xi kwistjoni kumplessa: il-konvenut fetaħ stabbiliment kummerċjali għall-pubbliku bla ma ħa ħsieb joħloq ambjent li min jidħol fih jagħmel hekk bla perikolu għall-inkolumità tiegħu u wkoll indaħal għal xogħol

bla ma kellu l-ħila għalih. Il-likwidazzjoni tad-danni wkoll ma ippreżentatx xi komplessità partikolari aktar minn dik illi tippreżenta kull kawża għal danni akwiljani minħabba leżjoni personali. Il-fatt li kien hemm ħtieġa għal perizja medika u oħra psikjatrika ma hijiex xi ħaġa wisq insolita u ma kien hemm xejn xi jżomm illi ż-żewġ perizji jimxu flimkien, u jimxu flimkien ukoll mal-perizja teknika.

7. Il-qorti għalhekk ma taqbilx mal-argument imsejjes fuq il-"kumplessità tal-kawża".

8. Argument ieħor huwa msejjes fuq l-imġieba tal-partijiet, illi l-Avukat Ġenerali jgħid illi ikkontribwiet għad-dewmien, u l-imġieba tal-qorti. Dan l-argument jitlob eżami tal-*iter* tal-kawża:

9. Il-kawża nfetħet b'ċitazzjoni fl-24 ta' Settembru 1992. Qari tad-dikjarazzjoni maħlufa ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni ġà juri nuqqas ta' tħejjija serja tal-kawża: id-dikjarazzjoni hija biss ripetizzjoni *verbatim* tal-premessi taċ-ċitazzjoni u ma tagħti ebda tagħrif utli dwar kif seħħ l-inċident għax fiha biss stqarrijiet ġeneriċi, bħal li l-inċident seħħ "minħabba imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti". Tassew illi taħt il-proċedura biċ-ċitazzjoni l-prassi kienet irriduċiet id-dikjarazzjoni maħlufa għal formalità inutli meta dik id-dikjarazzjoni kienet maħsuba mil-leġislatur biex tkun ix-xiehda tal-attur u biex il-konvenut ikun jaf sewwasew biex huwa mixli u għal xiex għandu jwieġeb sabiex il-qorti tkun tista', ġà mill-atti bil-miktub tal-bidu,

tkun taf preċiżament x'inhi l-kontestazzjoni. Iżda ma nistgħux ninħbew wara prassi ħażina li nafu li hi ħażina iżda nkomplu nimxu fuqha – *video meliora proboque; deteriora sequor* – u mbagħad nilmentaw għax il-prassi ħażina tagħti riżultati ħżiena.

10. Ukoll, flimkien maċ-ċitazzjoni ma hemm ebda dokument għalkemm kien hemm dokumenti li setgħu faċilment inġiebu f'dak l-istadju. Iżda l-prassi hi illi d-dokumenti jinġiebu waqt is-seduti, biex xhud jinqala' biex jippreżenta dokument, u biex il-kawża tiġi differita "għall-eżami tad-dokumenti" u aktar ħela ta' ħin meta dan kollu seta' sar qabel ma jinbeda s-smigħ.

11. Iċ-ċitazzjoni nħarġet fid-9 ta' Ottubru 1992 u l-kawża tqiegħdet fuq il-lista tal-25 ta' Jannar 1993 għall-ewwel dehra. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu b'nota fit-13 ta' Novembru 1992. Ma ippreżenta ebda dokument.

12. Fil-25 ta' Jannar 1993 l-atturi talbu illi jinħatar perit legali u illi l-kawża tmur quddiem imħallef ieħor biex tinstema' flimkien ma' kawża oħra li terzi kienu fetħu kontra l-istess konvenut dwar l-istess inċident. It-talba ntlaqgħet: inħatar perit legali u l-kawża ntbagħtet quddiem imħallef ieħor biex tinstema' fid-29 ta' April 1993.

13. Fil-fehma ta' din il-qorti l-ħatra ta' perit legali f'kawża dwar danni akwiljani, u li għalhekk ma kienet titlob ebda tagħrif speċjalizzat, kienet waħda mir-raġunijiet ewlenin għad-dewmien. Il-ħatra ta' perit legali

effettivament saret biex dan jiġbor ix-xiehda, li fil-prattika jfisser illi perjodikament "jinżammu seduti" li matulhom jixhed xi xhud jew tnejn, jiġi riservat il-kontro-eżami, li jfisser illi tinħela seduta oħra biex jerġa' jitla' l-istess xhud, kultant jinxteħet xi dokument fl-atti, biex ikollha ssir seduta oħra sabiex il-kontro-parti "teżamina d-dokument", u kull meta tinqala' xi kwistjoni proċedurali l-proċess ikollu jieqaf għax il-perit legali ma jkollux is-setgħa li jaqta' l-kwistjoni. Meta l-atturi talbu l-ħatra ta' perit legali, u meta l-qorti laqgħet it-talba, stajt tobsor minn dak il-waqt illi din ma kinitx kawża li sejra tinqata' fi żmien qasir.

14. Għax konxja minn din il-prassi u mix-xorti li tmiss lil kawżi li jintbagħtu quddiem perit legali, il-qorti, issa presjeduta mit-tieni mħallef, fis-seduta tad-29 ta' April 1993 tat dikriet li bih ordnat: (i) illi l-atturi jressqu "l-provi li baqgħu" b'*affidavit* sad-29 ta' Lulju 1993 u illi l-konvenuti jagħmlu l-istess sad-29 ta' Ottubru 1993; (ii) illi sal-31 ta' Diċembru 1993 jinżammu s-seduti meħtieġa biex isiru l-kontro-eżamijiet ta' min ikun xehed b'*affidavit*; u (iii) illi l-perit legali jippreżenta r-relazzjoni sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 1993. Imbagħad iddifferiet il-kawża "għar-relazzjoni" għat-23 ta' Marzu 1994.

15. Minn dan kollu ma sar xejn: kull ma ġara hu li l-atturi ippreżentaw ix-xiehda tagħhom stess b'*affidavit* fit-2 ta' Marzu 1994, meta kellhom jagħmlu hekk sad-29 ta' Lulju 1993, seba' xhur qabel. Fit-23 ta' Marzu 1994 għalhekk, meta suppost kellha tiġi eżaminata r-relazzjoni, ma sar xejn u l-kawża ġiet differita għal data oħra u baqgħet tiġi hekk differita

sakemm fit-2 ta' Ġunju 1994 il-partijiet għarrfu lill-qorti illi "l-perit legali ma żammx seduti" u għalhekk talbu li jinħatar perit legali ieħor minflok. Il-qorti laqgħet it-talba u ħalliet il-kawża għall-24 ta' Ottubru 1994 "għar-rapport".

16. Fil-15 ta' Lulju 1994 l-atturi ħarrku xhud wieħed biex jixhed quddiem il-perit legali u dakinhar ukoll ressqu x-xiehda ta' żewġ xhieda oħra b'*affidavit*, ħaġa li suppost kellhom jagħmluha sad-29 ta' Lulju 1993, ftit anqas minn sena qabel.  Baqgħu jitressqu xhieda quddiem il-perit legali sakemm dan deher quddiem il-qorti fit-8 ta' Novembru 1995 u għarrafha li żamm sittax-il seduta.

17. Minkejja s-sittax-il seduta li nżammu quddiem il-perit legali sat-8 ta' Novembru 1995, l-atturi baqgħu ma għalqux ix-xiehda tagħhom għax baqgħu jħarrku aktar xhieda wara dakinhar biex jixhdu quddiem il-perit legali.

18. Fis-7 ta' Frar 1996 l-avukat tal-atturi għarrfet lill-qorti – din id-darba presjeduta minn imħallef ieħor, it-tielet wieħed – illi l-perit legali "għandu l-ħsieb li ma jkomplix din il-perizja".  Billi iżda l-perit legali ma deherx biex jitlob li jinħeles mill-ħatra, il-qorti ma issostitwitux u iddifferiet il-kawża għad-19 ta' Ġunju 1996 "sabiex tinstema' minn din il-qorti diversament presjeduta u għar-relazzjoni".  Imbagħad, l-atturi b'rikors tad-29 ta' Frar 1996 u l-perit legali stess b'rikors tat-12 ta' Marzu 1996 talbu s-sostituzzjoni tal-perit legali;  din it-talba ntlaqgħet

fit-18 ta’ Marzu 1996 mill-qorti presjeduta minn imħallef ieħor, ir-raba’ wieħed, u nħatar perit legali ieħor, it-tielet wieħed.

19. Il-perit legali li nħatar fit-18 ta’ Marzu 1996, iżda, ma għamlet xejn sad-19 ta’ Lulju 1996 billi l-perit legali ta’ qabel ma irritornax il-proċess, u dakinhar l-atturi talbu illi l-qorti “tissollecita” lill-istes perit legali ta’ qabel sabiex jirritorna l-proċess. Il-qorti laqgħet it-talba b’dikriet tad-29 ta’ Lulju 1996 iżda sas-seduta tat-3 ta’ Ottubru 1996 ma jidhirx li sar dak li ordnat il-qorti.

20. Sadanittant fit-8 ta’ Novembru 1995 inħatar perit mediku biex igħin lill-perit legali u fis-16 ta’ April 1997, ftit anqas minn sena u nofs wara, inħatar ukoll perit psikjatriku. Il-perit mediku ħalef ir-rapport tiegħu fil-11 ta’ Frar 1997. Il-perit psikjatriku sfortunatament miet qabel ma irrelata u l-qorti b’dikriet tal-11 ta’ Lulju 1997 ħatret ieħor floku. B’rikors tat-2 ta’ Marzu 1998 l-atturi għarrfu lill-qorti illi t-tieni perit psikjatriku minnha maħtur “lanqas biss jeżisti” u għalhekk talbu illi jinħatar ieħor floku. It-talba ntlaqgħet fis-6 ta’ Marzu 1998 u l-perit psikjatriku ħalef ir-rapport tiegħu fid-9 ta’ Diċembru 1998. Dakinhar ukoll il-qorti kienet mgħarrfa illi “kien hemm possibbiltà ta’ transazzjoni”.

21. Fis-17 ta’ Frar 1999 il-qorti reġgħet ġiet mgħarrfa illi “kienet qiegħda tiġi esplorata possibbiltà ta’ trattazzjoni (*recte*, transazzjoni)” iżda ordnat illi “kemm-il darba ma sseħħx it-transazzjoni *ossia* ma jkun hemm l-ebda

proposta f'dan ir-rigward f'din is-sessjoni, il-perit legali għandha tiffissa seduti għall-provi tal-konvenut".

22. Fit-3 ta' Novembru 1999, seba' snin wara li nfetħet il-kawża, inħatar perit tekniku, x'aktarx fuq talba tal-atturi (għax l-avukat tagħhom biss deher dakinhar) għalkemm il-verbal ma jgħidx hekk espressament

23. Għalkemm is-seduti quddiem il-perit legali kellhom ikunu "għall-provi tal-konvenut" l-atturi fit-13 ta' Jannar 2000 ħarrku lill-konvenut għas-subizzjoni. Minkejja dan – li juri illi sat-13 ta' Jannar 2000 l-attur kienu għadhom ma għalqux il-ġbir tax-xiehda tagħhom – l-atturi b'rikors tat-22 ta' Ġunju 1999 għarrfu lill-qorti illi "wara li ġew iffissati diversi seduti għall-provi tal-konvenut" dawn is-seduti baqgħu ma sarux u għalhekk talbu illi l-qorti tordna li ssir seduta fid-19 ta' Lulju 1999 u wara l-perit legali "tkun awtorizzata tgħaddi għar-relazzjoni". Ma jidhrx illi ngħata provvediment fuq dan ir-rikors (ħlief ordni li jiġi notifikat lill-konvenut) u fit-22 ta' Ġunju 2000 – preċiżament sena wara – dehret il-perit legali biex tgħarraf lill-qorti "li seduti mexjin". Baqa' jingħata l-istess tagħrif f'seduta wara oħra sat-8 ta' Jannar 2002.

24. Fis-7 ta' Mejju 2002 il-kawża għaddiet f'idejn imħallef ieħor – il-ħames wieħed – u fl-10 ta' Diċembru 2002 reġgħet għaddiet quddiem imħallef ieħor, is-sitt wieħed. Il-verbal ta' dakinhar igħid illi "l-qorti ġiet informata li l-partijiet għamlu l-provi kollha tagħhom u għalhekk jonqos biss li l-perit tekniku u l-perit legali ... jirrediġu r-relazzjoni tagħhom".

25. Il-kawża baqgħet tiġi differita minn seduta għal oħra, dejjem għar-rapport, sakemm fis-17 ta' Jannar 2007 ġiet quddiem imħallef ieħor, is-seba' wieħed. Il-kawża baqgħet tiġi differita għar-rapport sakemm fit-2 ta' April 2008 il-qorti ġiet mgħarrfa illi "l-perit legali ilha żmien twil ma żżomm seduti", għalkemm ma ġiex imfisser għala kellha "żżomm seduti" ladarba l-ġbir tax-xiehda kien ilu li ngħalaq mill-10 ta' Diċembru 2002, aktar minn ħames snin u tliet xhur qabel. Dakinhar għalhekk il-qorti ħassret il-ħatra tal-perit legali u ħatret oħra flokha, ir-raba' waħda.

26. Il-kawża baqgħet tiġi differita sakemm fis-16 ta' Ġunju 2009 ir-raba' perit legali u l-perit tekniku ikkonfermaw ir-rapporti tagħhom. Fit-28 ta' Ottubru 2009 l-avukat tal-konvenut talab żmien "sabiex jirregola ruħu." Dan ir-regolament baqa' ma sarx sal-11 ta' Marzu 2010. Dakinhar deher l-avukat tal-atturi li iddikjara "illi qed jirrimetti ruħu għar-rapport" – ħaġa li seta' għamilha disa' xhur qabel – u l-qorti, wara li tat lill-partijiet żmien biex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub (li baqgħu ma sarux), iddifferiet il-kawża għas-sentenza, li eventwalment ingħatat fl-1 ta' Marzu 2011, ftit anqas minn sena wara.

27. L-attur appella b'rikors tat-18 ta' Marzu 2011. Għalkemm il-partijiet ma kinux notifikati bl-avviż tas-smigħ dehru quddiem il-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru 2011 u laqgħu n-notifika. It-trattazzjoni bil-fomm saret fl-4 ta' Lulju 2012 u s-sentenza ngħatat fid-9 ta' Novembru 2012.

28. Dan ir-rakkont tal-*iter* tal-kawża juri illi l-fatturi li l-aktar li ikkontribwew għad-dewmien kienu:

29. Il-mod mhux għalkollox idejali kif l-atturi ħejjew u mexxew il-każ; flok identifikaw mill-bidu x-xiehda li kienu sejrin ikollhom iressqu – u hekk kienu jitolbu l-ħatra tal-periti meħtieġa mill-bidunett u mhux snin wara – għażlu illi jirre-aġixxu għall-bżonnijiet li identifikaw waqt li kienet miexja l-kawża għalkemm dawn kienu prevedibbli sa mill-bidu;

30. il-ħatra ta' perit legali meta din assolutament ma kinitx meħtieġa; effettivament il-perit legali nħatar biss biex jisma' x-xhieda u dan sar b'mod ineffiċjenti għall-aħħar, b'numru esaġġerat ta' seduti, ħafna minnhom moħlija, li matulhom inġabret xiehda illi setgħet faċilment inġabret f'seduta ta' nofstanhar immexxija b'dixxiplina quddiem il-qorti;

31. iż-żmien twil ta' inattività quddiem il-periti legali: żmien twil biex perit legali sostitwit jirritorna l-proċess u żmien twil ieħor – ħames snin – li matulu l-perit legali kellha tirrelata iżda ma għamlet xejn sakemm fl-aħħar ġiet sostitwita;

32. in-nuqqas ta' kontroll mill-qorti, kemm għax il-ħatra ta' perit legali biex jiġbor ix-xiehda inevitabilment għal hekk iwassal, kemm għax il-kawża għaddiet minn idejn seba' mħallfin differenti, u kemm għax is-sistema li mħallef ikollu numru esaġġerat ta' kawżi fuq il-lista fl-istess ħin inevitabilment iwassal biex ma

jkunx jista' jagħti lil kull kawża l-attenzjoni individwali li tkun meħtieġ u li jwassal ukoll biex effettivament il-kawża jmexxuha l-partijiet, ħaġa li ġeneralment jagħmluha b'ineffiċjenza.

33. Fil-fehma ta' din il-qorti, għalhekk, kien hemm nuqqas kemm tal-ewwel qorti fit-tmexxija tal-kawża, nuqqas inerenti fis-sistema u nuqqas tal-partijiet, fosthom l-atturi stess. Ladarba d-dmir ewlieni li tmexxi l-kawżi b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet, jaqa' fuq il-qorti, u ladarba wkoll hemm dmir fuq l-awtorità pubblika li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qorti tkun tista' twettaq id-dmir tagħha, din il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-istat għandu jkun esonerat minn responsabilità għal dewmien ta' għexieren ta' snin biex tinqata' kawża ta' komplessità mhux aktar mill-medja. Il-qorti dan tgħidu mingħajr ma b'hekk tnaqqas xejn mir-responsabilità kontributorja tal-atturi stess illi għandha jkollha rele-vanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut.

34. Il-qorti għalhekk tiċħad l-aggravju tal-Avukat Ġenerali dwar is-sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

35. Kemm l-Avukat Ġenerali u kemm l-atturi appellaw mill-*quantum* ta' danni likwidat: l-Avukat Ġenerali jgħid illi huwa wisq u l-atturi jgħidu illi huwa ftit. Billi l-fatturi li għandha tqis huma f'kull każ l-istess il-qorti sejra tqis iż-żewġ appelli flimkien. L-appell tal-atturi huwa msejjes fuq żewġ argumenti: (i) illi d-danni pekunjarji mogħtija mill-qrati ta' ġuris-

dizzjoni ċivili ma kinux biżżejjed u għalhekk il-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali għandhom jagħtu danni pekunjarji ulterjuri biex jagħmlu tajjeb għal dan in-nuqqas; u (ii) id-danni morali likwidati mill-qrati ċivili ma humiex biżżejjed.

36. L-aggravju dwar id-danni pekunjarji ġew imfissra hekk mill-atturi fir-rikors tal-appell:

> "Illi f'dan il-każ kien manifest li l-qrati fil-kawżi ċivili għamlu katkolu ta' natura monetarja, u ffissaw is-somma fuq dak ta' għexieren ta' snin ilu. Naturalment l-ebda mgħax ma jibda jgħaddi sakemm ikun hemm is-sentenza. Min għandu jagħti, hux individwu, kummerċjant jew assikurazzjoni, id-dewmien ifisser li s-somma mhux se tinbidel u, sa dan it-tant, l-imgħax jerbħu d-debitur. Hemm ness kawżali tad-dewmien u d-dannu. Mela la kien hemm in-ness kawżali, skond il-Konvenzjoni kienu dovuti danni pekunjarji.
>
> "Barra minn hekk hemm fattur ieħor: l-inflazzjoni. L-esponenti Iris Cassar ħadet €27,990.83 bħala kumpens għad-danni minnha sofferti. Jekk wiehed japplika l-indiċi tal-inflazzjoni tal-Kap. 158, ħalli l-kumpens ikun '*in real terms*' u mhux sempliċement '*in monetary terms*' għal ħmistax-il sena, dak l-ammont ġie jiswa *circa* €20,210. Mela dannu kien hemm. Dan id-dannu seta' jiġi kumpensat bil-għoti tal-imgħax fuq is-somma, u l-esponenti talbu ammont ta' mgħax li ma kienx esaġerat, tenut kont ukoll tar-inflazzjoni."

37. Dan l-argument juri illi dak li qegħdin jitolbu l-atturi huwa effettivament reviżjoni tal-likwidazzjoni magħmula mill-qrati ċivili, bħallikieku l-qrati kostituzzjonali huma grad ieħor ta' appell, li iżda ma huwiex il-każ. L-argument li qegħdin iressqu issa l-atturi huwa wieħed li seta' u missu sar quddiem il-qrati ċivili. Barra minn hekk, fil-fatt jidher illi l-qrati ċivili qiesu l-fatturi tal-imgħax u l-inflazzjoni li dwarhom jilmentaw l-atturi.

38. Dwar l-imgħax, għalkemm huwa minnu illi l-imgħax ingħata biss minn dakinhar tas-sentenza, għandu jingħad illi fiċ-ċitazzjoni li biha l-atturi

fetħu l-kawża ċivili ma hemm ebda talba għal imgħax. Għalkemm l-art. 177 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "Il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż", ma hemmx disposizzjoni bħal din dwar l-imgħax u l-qorti għalhekk ma setgħetx tagħti *extra petita*. Madankollu sa ċertu punt is-sentenza ċivili tpatti għal dan billi ma tagħmel ebda tnaqqis in vista tal-*lump sum benefit*. Dwar l-inflazzjoni wkoll is-sentenza ċivili qieset il-fatt illi "l-paga medja nazzjonali sejra tibqa' tiżdied" u għalhekk għamlet l-aġġustament meħtieġ fil-kalkolu tal-*lucrum cessans*. Għal dawn ir-raġunijiet ma jistax jingħad illi l-atturi ma ngħatawx rimedju xieraq għad-danni pekunjarji li ġarrbu.

39. Dwar danni morali l-atturi josservaw illi:

> "... ... ... anke fejn jidħlu danni morali, l-esponenti fil-każ partikolari jidhrilhom li l-ammont ixaqleb lejn in-naħa l-baxxa. Il-kwadru tal-fatti fil-kawża prinċipali li għaliha ssir ampja riferenza kien li l-esponenti sofriet leżjonijiet gravi fuq il-persuna, u dan b'xorti tajba meta bintha li kienet magħha sfat mejta. Jekk kien hemm bżonn l-għajnuna finanzjarja kienet dak iż-żmien jew qarib lejn dak iż-żmien. Id-dewmien kien kawża ta' tensjoni. Il-Qorti Ewropea f'każ riċenti Bartha *v.* Hungary 24/3/2004 akkordat l-ammont ta' €10,000 għal każ fuq kawża tal-proprjetà, u li damet kważi nofs iż-żmien."

40. L-Avukat Ġenerali, min-naħa l-oħra, ressaq dan l-argument għat-tnaqqis tal-kumpens:

> "illi partikolarment fid-dawl tas-suespost (*i.e.* l-argumenti tal-Avukat Ġenerali kontra s-sejbien ta' dewmien) l-esponent huwa aggravat bil-*quantum* ta' danni morali akkordati lir-rikorrenti appellati, liema somma ghar-raġunijiet fuq indikati fil-fehma tal-esponent kellha tkun *se mai* inqas minn dik ta' ħamest elef euro (€5,000).
>
> "Illi *inoltre* u anke għal finijiet ta' uniformità l-esponent jagħmel riferenza għal diversi sentenzi fejn ġie akkordat kumpens morali dwar dewmien

fil-proċeduri, partikolarment għal dik fl-ismijiet Dr Tancred Busuttil *v.* Avukat Ġenerali deċiża fit-2 ta' Lulju 2013 fejn il-qorti llikwidat kumpens morali fis-somma ta' €2,500 fir-rigward ta' proċeduri li damu aktar minn dawk odjerni u *cioè* madwar 24 sena."

41. Għalkemm taqbel mal-Avukat Ġenerali illi għandha tinżamm uniformità fil-likwidazzjoni tal-kumpens, ukoll fl-interess tal-prevedibilità, madankollu kull każ għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Fil-każ tallum l-attriċi kienet korriett serjament u għalhekk id-dewmien ħolqilha ansjetà mhux biss minħabba l-inċertezza dwar l-eżitu tal-kawża għal żmien wisq twil iżda wkoll ansjetà, biex insejħulha hekk, eżistenzjali minħabba inċertezza dwar jekk kenitx sejra jkollha l-mezzi meħtieġa biex tagħmel dak li hu meħtieġ għall-fejqan tagħha u wkoll biex tħallas għall-għajnuna li minħabba d-debilità tagħha b'kon-segwenza tal-inċident saritilha meħtieġa u li wkoll forsi kellha tiċċaħħad minnha minħabba nuqqas ta' mezzi.

42. Huwa minnu wkoll illi, kif intwera fuq, l-atturi jaħtu wkoll għad-dewmien biex intemmet il-kawża ċivili, iżda xorta jibqa' l-fatt illi s-sistema ġudizzjarju naqas serjament lill-atturi u, anzi, għax kiser il-jedd tal-atturi għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, għamel magħhom inġustizzja kbira li jistħoqqilha kumpens akbar minn dak likwidat mill-ewwel qorti.

43. Il-qorti sejra għalhekk tilqa' l-appell tal-atturi u żżid il-kumpens għall-ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli għas-somma ta' tmint elef euro (€8,000).

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tilqa' l-appell tal-atturi: tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' ħamest elef euro (€5,000) u, minflok, tillikwida kumpens ta' tmint elef euro (€8,000); tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjeż tal-appelli jħallashom l-Avukat Ġenerali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------